MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2001

Numru 537/2001

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Pierre Micallef Grimaud u Carmelo Magri)**

**vs**

**Johann Sultana**
**Aaron Ritchie**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Aaron Ritchie ta’ 17-il sena bin Edgar u Janet Mary nee’ Rayner imwieled fl-Ingilterra fis-17 ta’ Frar, 1984 u residenti 176, Triq Bormla, Rahal Gdid, detentur ta’ karta ta’ identita numru 77000(L) akkuzat talli:

1. fit-8 ta’ Settembru, 2001 ghall-habta tal-10.00 ta’ filghaxija mill-appartament numru 312 sitwat fil-kumpless ‘St. George’s Park’ Triq Dragonara San Giljan ikkommetta

serq ta' apparat elettroniku u hwejjeg ohra ghad-dannu ta' Michael Leslie Allison mill-Ingilterra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000), bil-lok u bil-hin;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. kiser il-kundizzjonijiet tal-Probation (Art. 5) tal-Kap. 152 tal-ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu fit-28 ta' Marzu, 2000 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat C. Scerri Herrera LL.D.

Ikkunsidrat:

L-imputat qieghed akkuzat b'serq, ricettazzjoni u bi ksur ta' ordni ta' probation.

L-imputat ammetta l-akkuza u baqa jippersisti f'din l-ammissjoni.

In vista ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata l-Qorti qeghdha tghaddi minnufih ghas-sentenza.

Issib l-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu. Rat l-Artikoli 261(b)(c)(f), 266, 267, 269(g), 270, 278(3), 279(a), 280(2), 31 tal-Kap 9 u l-Artikolu 5 u 10 tal-Kap 152 u taghtih l-ahhar opportunita' billi tapplika l-Artikolu 5 tal-Kap 152 u tpoggih taht ordni ta' probation tat it-tharis tal-ufficjal tal-probation Carmen Borg ghal perjodu ta' tlett snin millum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------